MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 271/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi hija zzewwget lill-intimat CB fil-Parocca ta' Sacro Cuor, Tas Sliema fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru elf disa` mija erbgha u disghin (1994) skond certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. "A";

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u affetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni persosnali ppublikat fl-ghaxra (10) ta' Settembru elfejn u sebgha (2007) minn Nutar

Patrick Critien skond kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok. “B”.

Illi l-partijiet kellhom zewgt itfal, D li twieled fis-16 ta’ Awwissu elf disa’ mija hamsa u disghin (1995) u E li twieldet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Novembru elf disa mija u sitta u disghin (1996);

Illi l-possibilta` ta’ rikonciljazzjoni ma zewgha giet diskussa mal-avukat sottoskritta u inghatat mill-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta’ rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin skond dikjarazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok. “C”, izda l-esponenti espremiet ruhha fin-negattiv;

Illi ghaddew aktar minn erba’ (4) snin mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali, b’mod li r-rekwisiti tal-artikolu 66 (B) (a) tal-Kodici Civili (Kap XVI tal-Ligijiet ta’ Malta) huma sodisfatti, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jezistu il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.

Illi l-esponenti tiddikjara illi hi tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cioe` F.

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha ma Daniel Dempster hu mahlul u li ghal dan il-ghan tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u ghal kull fini u effetti kollha tal-Ligi tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit minnha, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex h’hekk l-istess divorzju ikun jista’ jigi registrat fir-Registru Pubbliku permezz tal-annotazzjoni relattiva fic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. “A”;

2. Tawtorizza lill-esponenti tirreverti ghal kunjom xbubita, u cioe` F, u ghal dan il-ghan tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel l-annotazzjoni mehtiega fl-istess certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. “A”;

Rat ir-risposta tal-intimat, li in forza taghha eccepixxa :

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-esponent jirresjedi gewwa Franza u ghalhekk ma jistax jkun prezenti ghas-seduta tas-26 ta’ Gunju 2013 pero’ awtorizza lill-avukat tieghu sabiex tipprezenta r-risposta odjerna wara li l-Avukat spjegat il-kontenut u l-implikazzjonijiet kollha tar-rikors odjern u kif ukoll baghtet kopja via email tar-rikors; (Annessa mar-risposta hemm awtorizzazzjoni bil-miktub sabiex l-Avukat tkun tista tirrapprezentah f’dawn il-proceduri u sabiex tipprezenta din ir-risposta - Dok A);

Illi l-esponent ma jopponix ghat-talba maghmula mir-rikorrenti martu ghal hall taz-zwieg taghhom u jaqbel illi jikkonkorru l-elementi mahsuba fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B kif korrettament senjalat mir-rikorrenti fit-talba taghha b’dan pero’ illi huwa m’ghandux jbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Mejju, 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ Friggieri u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa din it-talba u tordna notifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-azzjoni mehtiega;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment

separati mill-10 ta’ Settembru 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tiddikjara illi z-zwieg tal-partijiet huwa mahlul u qeghda tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------